# KUNSILL LOKALI IL-QRENDI

**7, Triq il-Knisja, Il-Qrendi**

## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

### ID-DISA' LEĠISLATURA

**LAQGĦA NUMRU 22**

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar it-Tlieta, 23 ta' Frar, 2026, fil-5.30pm.

**PREŻENTI:**

David Michael Schembri – Sindku

Anthea Sacco – Viċi Sindku

Karmenu Farrugia – Kunsilier

Marion Parnis – Kunsillier

Nina Skye Briffa – Kunsillier

**ASSENTI SKUŻAT:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Rachel Aquilina – Segretarju Eżekuttiv

**22.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

22.01.01 Il-membri kollha kien preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**22.02** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta numru wieħed u għoxrin (21)**

22.02.01 Il-minuti tas-seduta numru 21, li kienu mibgħuta mal-Aġenda, ġew meqjusa bħala moqrija u proposti bħala korretti minn Anthea Sacco, issekondati minn Nina Skye Briffa.

Marion Parnis talbet li ssir korrezzjoni f'minuta 21.04.04 fil-parti fejn hemm 'Il-membri l-oħra ma qablux'. Din kellha tiġi tinqara 'Il-membri l-oħra ma qablux *li din kienet tagħmel maż-Żurrieq*'.

Is-Sindku qal li dik it-triq kienet tagħmel maż-Żurrieq. Marion Parnis talbet ir-raġuni għaliex il-Kunsill għamel 5 snin sħaħ jiddiskuti Triq tal-Ġwiewel jekk din ma kienetx tagħmel mal-Qrendi. Wara diskussjoni dwar il-konfini, s-Sindku qal li l-konfini eżatti jidhru fuq il-Local Plans tal-MEPA.

Ġie deċiż li kif ikollna r-ritratti mitluba, din l-isleeping police issir, għalkemm wara li Nina Skye Briffa iċċekkjat il-Local Plans tal-Qrendi u Żurrieq, din ma kienet tidher fuq l-ebda waħda.

Il-minuti tal-laqgħa 21 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**22.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

22.03.01 Is-Sindku semma' r-rimbors tal-fuel li kien qed jingħata lill-ħaddiema tal-CWS u tal-RSSL li kienu qed jużaw il-karozzi privati tagħhom. Hu propona li minn Eur30 jibdew jingħataw Eur50.

Il-Kunsill qabel li dawn jingħataw din iż-żieda pero' Anthea Sacco u Karmenu Farrugia qalu li meta jiġu mitluba biex jidħlu overtime fl-attivitajiet li jorganizza l-kunsill, biex ikunu jistgħu jagħtu l-għajnuna fejn ikun hemm bżonn, dawn għandhom jaċċettaw u mhuxkull darba jirriffjutaw u jkollna naraw lil min inqabbdu. Is-Sindku qal li dawn dejjem għamlu x-xogħol mitlub minnhom u jmorru fejn ikun hemm bżonn.

Ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekkja x'jgħid il-kuntratt tagħhom u li dan il-punt jerġa' jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

22.03.03 Rigward 'Bonġu Malta' s-Sindku qal li kienu għamlu kuntatt miegħu u ġie miftiehem li dan isir dakinhar tal-Festival tal-Patata, fis-7 ta' Ġunju, biex b'hekk issir attivita' waħda. Il-Kunsill qabel.

22.03.04 Dwar id-delegazzjoni minn Klenjec is-Sindku qal li dawn kienu qablu mal-proposta tagħna li jiġu bejn il-5 u t-8 ta' Ġunju u li l-Kunsill kellu jħallas għall-akkomodazzjoni ta' 4 persuni u għal mezz tat-trasport waqt iż-żjara tagħhom.

22.03.05 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar laqgħa li kellu mad-Direttur tal-Istrateġija fil-Kunsilli Lokali, Ms Marisa Pisani, fejn ġew diskussi l-iskemi li għad għandu pendenti l-Kunsill, fosthom tal-lift tal-binja u l-installazzjoni tac-CCTVs u li konna għaddejien bil-proċess biex dawn jiġu konklużi.

**22.04 Il-Berġa – Ftehim mal-Primary Health Care**

22.04.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li ingħataw ir-rapporti mitluba, u wara li kellna konferma li hemm kollox kif suppost, il-Berġa kienet ħa tinqeleb minn użu ta' Spiżerija għal dik ta' Berġa fil-15 ta' Marzu.

Wara li Karmenu Farrugia staqsa meta kienet ser tiġi mgħoddija lill-Primary Health Care, is-Sindku qal li konna għaddejien fil-proċess biex isir ftehim magħhom biex din tiġi amministrata minnhom.

Anthea Sacco staqsiet jekk hux ser inkunu qed nirċievu l-flus tal-berġa lura mill-Primary Health Care. Is-Sindku wieġeb li hekk kien il-ftehiem imma li ftehiem finali għad irrid jiġi iffinalizzat wara diskussjoni bejn iż-2 partijiet.

Anthea Sacco staqsiet meta kienet ser tinfetaħ u Karmenu Farrugia ssuġġerixxa li nagħtuhom data sa meta din trid tinfetaħ. Is-Sindku qal li huma wkoll jixtiequ li din tinfetaħ malajr kemm jista' jkun.

Il-Kunsill approva li, kemm jista' jkun malajr, isir dan il-ftehiem, bejn il-Kunsill u l-Primary Health Care, biex il-Berġa tiġi amministrata minnhom u li jekk din ma tibqax tintuża bħala Berġa, tiġi rritornata lura lill-Kunsill.

**22.05 Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report 2025, l-Unaudited Financial Statements 2025, ir-Rapport Amministrattiv 2025, il-Budget 2026 u l-Business Plan.**

22.05.01 Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa bejn il-Kunsill u l-Accountant li ħa ħsieb l-accounts tas-sena 2025 fejn flimkien miegħu kien hemm preżenti wkoll Anthea Sacco u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li konna ingħatjna spjegazzjoni ċara ta' dawn ir-rapporti kif ukoll li l-accountant wieġeb għal diversi mistoqsijiet li staqsejnieh. Anthea Sacco kkonfermat dan.

Għaldaqstant, il-Quarterly Financial Report 2025, l-Unaudited Financial Statements 2025, ir-Rapport Amministrattiv 2025, il-Budget 2026 u l-Business Plan ġew proposti approvati minn Anthea Sacco u ssekondati minn Karmenu Farrugia.

22.05.02 Anthea Sacco staqsiet dwar is-sitwazzjoni preżenti li qed jinżammu l-accounts tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sfortunatament il-Kunsill ma kellux software biex iżomm l-accounts u li dan m'għandux ikun. Anthea Sacco proponiet li naraw x'hemm bżonn li jsir biex aħna jkollna dan is-software mill-aktar fis. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet qed tistenna direzzjoni mill-AKL u d-DLG minħabba l-fatt li kien propost li kull kunsill juża'

l-istess sistema u ġie kjarifikat li l-amministrazzjoni biss jkollha aċċess għal din is-sistema.

22.05.03 Anthea Sacco staqsiet rigward l-għażla tal-accountant. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-għotja tat-tender kienet ġiet irrifjutata mill-irħas bidder minn fuq l-ePPs u li għalhekk kienu ntalbu kwotazzjonijiet minn diversi kumpaniji għall-Accountant u Accountant Technician għas-sena 2026 inkluż ir-rapporti meħtieġa u l-audits.

Kienu 2 biss li bagħtu lura, GCS Malta Eur600 + VAT fix-xahar u Romina Perici Ferrante Eur416 + VAT fix-xahar. Ġie deċiż li tintgħażel Romina Perici Ferrante peress li apparti li din kienet l-irħas offerta hi ħadmet ma' diversi kunsilli lokali.

**22.06 Laqgħa tal-Lokalita'**

22.06.01 Sar qbil li l-Laqgħa tal-Lokalita' issir nhar it-Tlieta, 24 ta' Marzu, fil-5pm, fl-uffiċċju tal-Kunsill u li għandu jiġi ppublikat l-avviż fuq il-paġna tal-Kunsill.

**22.07 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

22.07.01 Anthea Sacco qalet li kienu avviċinawha tal-Vibe FM għax kienu qed joffru 3 xirjiet f'kull lokalita' biex jingħataw lil nies fil-bżonn. Ġie ssuġġeriet li nkellmu lill-kappillan u lill-kapijiet tal-iskola forsi jissuġġerixxu familji fil-bżonn. Marion Parmis issuġġeriet ukoll li setgħu jingħataw lil Food Bank Live Line.

Ġie deċiż li Anthea Sacco titkellem mal-kappillan u l-iskejjel tal-Qrendi biex naraw x'seta' jsir.

22.07.02 Anthea Sacco semmiet bozza maqtugħa fuq iż-żebra crossing tal-bandli. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmata li din kienet diġa' ġiet irrapurtata.

22.07.03 Anthea Sacco qalet li rċeviet ilmenti rigward il-magna tal-BCRS peress li din ilha hemm imma ma taħdimx. Is-Sindku qal li din m'għandiex supply tad-dawl u li kien diġa' għamel kuntatt ma' tal-BCRS u kienu wegħduh li din ser tittranġa.

Karmenu Farrugia qal li għandna niktbulhom uffiċċjalment u li jekk din tibqa' ma taħdimx nitolbu biex titneħħa. Il-Kunsill qabel.

22.07.04 Anthea Sacco infurmat lill-Kunsill li kienet qed tieħu ħsieb biex torganizza coffee morning bit-tombla għall-aħħar ġimgħa ta' Marzu u li kienet qed tfittex post adekwat.

22.07.05 Anthea Sacco qalet li kienet kellmitha Rita Farrugia u talbet biex tingħata nformazzjoni dwar meta kienet ser tinqala' t-triq tagħha għax kienet ser

ittella’ wirja. Is-Sindku wieġeb li kienu ser ikellmuha tal-WSC. Hu qal ukoll li l-kuntrattur kien diġa’ tkellem magħha.

22.07.06 Anthea Sacco semmiet l-attivita’ ta’ Minn Pjazza għal Pjazza. Hi talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex kif tasal l-applikazzjoni tiġi mgħoddija lilha għax riedet iżżid ma tas-sena l-oħra.

Is-Sindku żied li l-applikazzjoni kif ukoll il-kundizzjonijiet kienu nbiddlu u li ma jfissirx li jekk napplikaw ser nintgħażlu.

22.07.07 Dwar il-Festival tal-Patata, Anthea Sacco qalet li kienet qed tiċċekkja rigward l-organizzatur għal din l-attivita’ biex inkunu nistgħu immexxu.

22.07.08 Anthea Sacco qalet li kienet qed tikkomunika ma’ tal-Cleansing Department u li dawn ser jibdew jiġu kull xahar biex jaħslu żona li nagħdullhom aħna. Hi talbet biex min ikollu xi suġġerimenti jgħaddihomlha biex tkun tista’ tinfurmahom. Ġie ssuġġeriet li d-darba li jmiss jinħaslu l-pjazzez.

22.07.09 Marion Parnis qalet li kienu ġew jaħdmu u għalqu Triq Gregorio Mifsud mingħajr l-ebda pre avviż apparti li hemm it-triq diżastru. Is-Sindku wieġeb li lanqas hu ma kien infurmat u li kien mar biex jiċċekkja. Marion Parnis talbet biex, kif jitlesta’ x-xogħol, din it-triq tkun waħda miż-żoni li tintbagħat lil Cleansing biex tinħasel. Il-Kunsill qabel.

22.07.10 Anthea Sacco qalet li fil-Ġnien tal-Warda hemm patch mħaffra fil-lasktu u li qed tikkawża periklu għax jista’ jaqa’ xi ħadd. Is-Sindku qal li kien għadu qed ifittex min jista’ jirranġaha. Karmenu Farrugia issuġġerixxa li nippruvaw nikkuntattjaw lil min kien għamlu pero’ s-Sindku qal li ma kienx qed iwieġbu meta jċempillu u li kien ser jerġa jiċċekkja.

22.07.11 Anthea Sacco qalet li l-kontejner, li kien qed jintuża mill-ħaddiema tar-restawr ta’ Ġnien tal-Kmand, hemm bżonn li jitressaq minn quddiem id-djar għax kien qed joħloq periklu. Is-Sindku qal li x-xogħol kien wasal biex jitlesta’. Anthea Sacco insistiet li dan għandu jitneħħa għax issa kien ilu ħafna u mhux erbat ijiem kif kienu qalulha. Is-Sindku qal li kien ser ikellimhom biex jerġa’ jiċċaqlaq u jsibu post alternattiv.

22.07.12 Karmenu Farrugia saqsa fuq ċint fi Triq Gregorio Mifsud għax kien wassallu lment li dan qed jaqa’. Is-Sindku u Marion Parnis qalu li mhux minnu li dan kien qed jaqa’ u s-Sindku qal li dan kien ċint privat li xi residenti ma riduhx hemm. Hu qal ukoll li kien tkellem mal-Perit u ġie nfurmat li dan qiegħed skond il-linja gwida pero’ kien ftiehem magħha li se tkellem lis-sid tal-għalqa. Marion Parnis qalet li dan minn dejjem hekk kien u li din l-għalqa kienet qed tintuża biex jintefa’ l-iskart fiha minn ċertu residenti.

22.07.13 Marion Parnis semmiet bozoz maqtugħa fi Triq Ġużeppi Depiro. Is-Sindku qal li dawn kienu diġà’ irrappurtati u ġie issuġġeriet li tintbagħat tfakkira. Anthea Sacco semmiet bozoz mhux irreġistrati u qalet li għandu jsir eżerċizzju biex jiġu identifikati. Is-Sindku qal li dan ma setax isir u li l-Kunsill qed isir jaf bihom meta jiġu rappurtati li nqataw.

22.07.14 Marion Parnis qalet li reġa' qed ikun hemm karozza tal-linja ipparkjata, il-biċċa l-kbira bejn il-5pm u l-5.30pm, faċċata tal-klabb tal-boċċi u li din qed tkun ta' periklu għax ma tkunx tista' tara min hu ġej mid-direzzjoni l-oħra. Ġie deċiż li nkellmu lil TM.

22.07.15 Anthea Sacco staqsiet jekk nistgħux nitolbu lil TM biex heavy vehicles ma jitilgħux fejn il-Knisja u biex il-venda titlaq minn fejn qiegħda. Karmenu Farrugia qal li hu kien issuġġerixxa biex issir laqgħa ma' TM. Kulħadd qabel li din għandha ssir u għalhekk ġie deċiż li nerġgħu nagħmlu t-t tagħna.

22.07.16 Marion Parnis qalet li qed tinżerta ħafna toqob mat-tappieri ta' fuq il-bankini u ssuġġerriet biex nibgħatu lill-ħaddiema tal-kunsill iduruhom.

22.07.17 Nina Skye Briffa qalet li l-Kunsill tat-Tfal baqa' jiltaqa' darba fix-xahar u li l-laqgħa li jmiss kienet se tkun fl-20 ta'Marzu.

22.07.18 Nina Skye Briffa staqsiet dwar it-trasport għad-Day Centre. Is-Sindku qal li dan ilu jingħata u li biex jirreġistraw kellhom ikellmu lil tad-Day Centre.

22.07.19 Nina Skye Briffa staqsiet ukoll rigward it-trasport għal Clinic ta' Ħal Kirkop. Is-Sindku qal li ma kienx hemm pero' wieħed seta' jċempel u jibbukkja ma' tas-Silver T.

22.07.20 Rigward it-tiġdid tal-Karta tal-Identita' Nina Skye Briffa staqsiet jekk għandiex informazzjoni ta' meta kienu ġejjien fil-Qrendi. Is-Sindku qal li s'issa għadna ma rċivejna xejn u li aktarx bdew mill-irħula l-kbar.

22.07.21 Nina Skye Briffa staqsiet fuq l-iskart fin-nofs ta' Triq l-Iskola. Is-Sindku qal li dan kien tnaddaf.

22.07.22 Nina Skye Briffa issuġġeriet li jsiru 'Free Dental Check Ups' mill-istudenti universitarji tad-dentista. Karmenu Farrugia qal li dawn kienu diġa' ġew f'Diċembru għalhekk ġie deċiż biex inħallu ftit żmien ieħor qabel ma jerġgħu isiru. Is-Sindku qal li nistgħu ngħidu anke' lil tal-Blood Donation u ssir bħala attivita' waħda. Anthea Sacco issuġġeriet li nagħmlu t-talba aħna u tkun bħala attivita' tal-Kunsill.

22.07.23 Issemmiet l-attivita' ta' Ġieħ il-Qrendi. Anthea Sacco issuġġeriet li sena oħra għandu jinħatar bord b'membri minn barra r-raħal u li l-post ta' fejn issir l-attivita' jinbidel. Fuq proposta ta' Karmenu Farrugia, il-Kunsill qabel li għandna nibdew minn Ottubru biex niddiskutu dan l-avveniment.

22.07.24 Karmenu Farrugia semma' tabella fi Triq San Nikola li kienet tindika li heavy vehicles ma jgħaddux. Hu qal li dan ma kinietx qed tidher mis-sewwieqa u li dan l-aħħar kienet weħlet ambulanza u damet ħafna biex ħarġet lura. Hu talab li din it-tabella titkabbar għax ma kinietx tidher. Il-Kunsill qabel.

22.07.25 Karmenu Farrugia staqsa dwar it-tender tal-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill. Is-Sindku qal li dan kien fil-proċess li jiġi ippubblikat u fakkar li wara hemm żmien li irridu nistennew qabel jiġi evalwat u jingħata. Karmenu Farrugia qal li għandna norbtu bi żmien lill-kuntrattur li se jingħata x-xogħol biex ix-xogħol jitlesta' sa data stipulata mill-Kunsill.

22.07.26 Karmenu Farrugia qal li quddiem il-grawnd ta' Dun Raymond hemm ħofra kerha. Is-Sindku qal li kien kellem lil tal-Public Works biex anke' l-bankina tiġi scarified.

22.07.27 Karmenu Farrugia staqsa fuq ix-xogħol tal-Ġnien tal-Kmand. Is-Sindku qal li x-xogħol miexi u li kien qed jistenna li jsir il-Management Agreement ma' 'Din l-Art Ħelwa'. Hu qal ukoll li kellu laqgħa mal-Project Green u li għamel talba lil kumpanija biex nippruvaw inġibu u niżiraw 30 siġra fosthom tal-larinġa Maltija, li hawn Malta m'hawnx.

22.07.28 Is-Sindku qal li l-Ministru Owen Bonniċi kien infurmana li se jsir Monument f'ġieħ Ġuże' Cassar u li l-Ministru propona li dan isir quddiem il-Klabb tal-Boċċi. Hu qal ukoll li se toħroġ sejħa pubblika biex isir dan il-monument.

**22.08 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti u Petty Cash**

22.08.01 L-Iskeda tal-Pagamenti (Laqgha 22) u l-Petty Cash tax-xahar ta' Jannar ġew approvati unanimament. Dawn ġew iffirmati minn Anthea Sacco (Proponent), Karmenu Farrugia (Sekondant), mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**22.09 Għeluq tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss**

22.09.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7.15pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 24 ta' Marzu, fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| David Michael Schembri | Rachel Aquilina |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |